# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Novembru, 2016**

Kawza Numru: 156/2016JB

Numru: 6

**Go plc (C22334)**

***vs***

**Vaclava Portelli (K.I.: 27608L)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar id-19 ta' Awissu 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf, hames mija u wiehed u disghin euro u tlettax-centezmu (€1,591.13) liema somma tirraprezenta servizzi ta' telekomunikazzjoni pprovduti mis-Socjeta Attrici lill-Konvenuta. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata fis-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi quddiem l-ammissjoni tal-Konvenuta, huwa car li t-talba Attrici tisthoqq li tigi milqugha hekk kif dedotta;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, fuq l-ammissjoni tal-Konvenuta, jilqa' t-Talba Attrici u jikkundanna lill-Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €1,591.13 bl-imghax legali skond il-ligi cjoe b'effett mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba.  L-ispejjez ikunu a karigu tal-Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*